# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1097/11/2 AF**

**Filippa Bartolo, Carmen mart Joseph Camilleri, Victor Bartolo u Imelda mart George Abela**

**v.**

**1) Roberta Calleja**
**2) Rachelle Buttiġieġ għal kull interess li jista' jkollha, u fil-verbal tal-25 ta' Ġunju, 2013, il-Qorti ordnat li jissejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

1. L-atturi appellaw mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla li biha ddikjarat li l-applikazzjoni tal-Artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Ordinanza Li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta) jilledu d-dritt

fundamentali tal-konvenuti protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża kienu konċessjoni enfitewtika temporanja għal disa' u disgħin (99) sena tal-fond 140, Triq Paris, Ħaż-Żebbuġ li saret minn Marianna Buttigieg lil Amabile Cilia għall-perjodu ta' 99 sena li bdiet fil-15 ta' Awwissu 1912 u skadiet fil-15 ta' Awwissu 2011. Jirriżulta li l-atturi kienu wirtu l-utile dominju u l-attriċi Filippa Bartolo tabita fil-fond oġġett tal-kawża. L-atturi ppreżentaw din il-kawża fit-8 ta' Novembru 2011 u talbu lill-ewwel Qorti sabiex tiddikjara li b'applikazzjoni tal-Art. 12(4) tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar għandhom jedd jikkonvertu l-enfitewsi perpetwa għal waħda perpetwa b'ċens ta' €69.84 għall-ewwel ħmistax-il sena. Inoltre, talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jersqu għall-kuntratt tal-att pubbliku relattiv *ai termini* tal-art. 12(6) tal-istess liġi. Fost l-eċċezzjonijiet li ngħataw mill-konvenuti, fit-tieni paragrafu jingħad li, *"2..... l-artikolu 12(6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta huwa vjolazzjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tal-esponenti"*. Imbagħad b'rikors preżentat fid-9 ta' Mejju 2013 il-konvenuti talbu lill-ewwel Qorti sabiex, *"... tagħti rimedji kollha xierqa u opportuni skond l-art. 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 4 tal-Att XIV tal-1987, fosthom li l-emendi introdotti bl-Att XXIII tal-1979 u ċioe l-art. 12(4) u (5) tal-Kap. 158 – Ordinanza tal-1959 dwar it-Tneħħija tad-Djar mill-Kontroll – imorru kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta u kontra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni*

*tad-Drittijiet tal-Bniedem u Liberatjiet Fundamentali u għalhekk huma nulli u mingħajr ebda effett legali”*. Kien imbagħad fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2013 li l-ewwel Qorti ordnat li l-atti tal-kawża jkunu notifikati lill-Avukat Ġenerali.

3. Bir-rikors ġuramentat l-atturi talbu lill-Qorti sabiex b'applikazzjoni tal-Art. 12(4) tal-Ordinanza Li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158), għandhom jedd jikkonvertu l-enfitewsi li skadiet fil-15 ta' Awwissu 2011 għall-enfitewsi perpetwa b'ċens ta' €69.84 kull sena għall-ewwel ħmistax-il sena. Talbu wkoll lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv skont l-Art. 12(6) tal-istess liġi, u biex tinnomina nutar għal dak il-għan u kuraturi biex jirrapreżentaw lill-kontumaċi.

4. Bit-tieni eċċezzjoni l-konvenuti argumentaw li dik il-liġi tikser il-jedd fundamentali tal-konvenuti.

5. B'sentenza tal-11 ta' Ottubru 2016 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

> *“Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l- kawża billi tiddikjara li l-applikazzjoni tal-artikolu 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta jilledu d-drittijiet tal- konvenuti kif sanċiti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-konvenuti f'dan is-sens qiegħda tiġi milqugħa.*
>
> *L-intimati qeghdin ghaldaqstant jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*L-Ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Avukat Ġenerali".*

6. B'rikors preżentat fit-18 ta' Ottubru 2016 l-attur appella mis-sentenza, filwaqt li l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-28 ta' Ottubru 2016 u l-konvenuti wieġbu fl-4 ta' Novembru 2016.

Konsiderazzjoni.

7. L-atturi jilmentaw li l-Avukat Ġenerali m'huwiex inkluż fl-okkju tas-sentenza appellata għalkemm ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża. Għalhekk isostnu li s-sentenza tal-ewwel Qorti hi nulla.

8. Mill-atti jirriżulta li fil-25 ta' Ġunju 2013 il-Qorti ordnat li l-atti jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali bid-dritt li jwieġeb fi żmien għoxrin jum (fol. 95). Fit-18 ta' Lulju 2018 l-Avukat Ġenerali ppreżenta tweġiba. Evidenti li kull parti fehmet li bl-ordni li ngħatat waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2013 l-Avukat Ġenerali ġie kjamat fil-kawża. Saħansitra fl-okkju tar-rikors ġuramentat ġie wkoll mibdul sabiex jirrifletti l-preżenza tal-Avukat Ġenerali fil-kawża.

9. Fil-kopja tas-sentenza li hemm fil-proċess, l-Avukat Ġenerali hu inkluż fl-okkju tas-sentenza (fol. 182). Jista' jkun li fl-okkju tal-kopja tas-sentenza li ngħatat lid-difensuri tal-partijiet, l-Avukat Ġenerali ma kienx jissemma'. Qiegħed jingħad hekk għaliex fl-4 ta' Novembru 2016 il-

konvenuti ppreżentaw rikors u bih talbu lill-ewwel Qorti sabiex tordna korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza minħabba li fl-okkju ma jissemmiex l-Avukat Ġenerali. Rikors li mill-atti ma jirriżultax li ġie degretat. Wieħed irid jiftakar pero` li l-kopja tas-sentenza li tingħata lid-difensuri hi informali, u m'għandu jkun hemm xejn x'iżomm milli jitranġaw żbalji evidenti meta jsir *proof reading* tas-sentenza.

10. F'kull każ kuntrarjament għal dak li jsostnu l-atturi, b'applikazzjoni tal-Art. 175(2) tal-Kap. 12 din il-Qorti kien ikollha l-poter li tordna korrezzjoni fl-okkju tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Il-liġi ma tagħmilx distinzjoni dwar it-tip ta' korrezzjoni li din il-Qorti tista' tordna.

11. L-atturi jsostnu wkoll li għal fini tal-episodju li dwaru kellha tiddeċiedi l-ewwel Qorti, id-deċiżjoni kellha tingħata *"mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha"*. Pero` fl-istess nifs qalu li Qorti Ċivili, Prim'Awla waħda hemm u fil-fatt hekk hu. Il-kawża tal-lum bdiet permezz ta' rikors ġuramentat. Hi azzjoni ċivili li fiha l-konvenuti lmentaw minn ksur ta' jedd fundamentali protett bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Skont l-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni (Kap. 319), kienet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla li kellha tiddeċiedi l-kwistjoni u fil-fatt hekk sar. Ġialadarba hemm biss il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ma kienx hemm bżonn li fl-ewwel faċċata tas-

sentenza jkun stampat *'Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali)'*. M'humiex korretti l-atturi li jsostnu li meta waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2013 il-Qorti tat digriet dwar il-kwistjoni kostituzzjonali, *"..... kellha tikkonverti ruħha fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha sabiex teżamina l-lanjanza mressqa mill-konvenuti bir-rikors tagħhom intavolat qabel dik l-udjenza"*. Meta tinqala' kwistjoni dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ma tinbidilx.

12. Il-konvenuti jilmentaw ukoll li l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi biss il-kwistjoni dwar l-allegat ksur tal-jedd fundamentali li invokaw il-konvenuti u xejn iktar. Żiedu li bis-sentenza li ngħatat l-ewwel Qorti ddeċidiet il-meritu, u marret lil hinn minn dak li kellha tiddeċiedi. Effettivament fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti filwaqt li kkonfermat li l-applikazzjoni tal-Art. 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta jilledu d-dritt fundamentali tal-konvenuti protett bl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti, imbagħad iddikjarat *"L-intimati qegħdin għaldaqstant jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju"*. L-atturi jippretendu li dik l-aħħar parti tas-sentenza ma kellhiex tkun inkluża u l-partijiet kellhom jerġgħu jidhru quddiemha u jingħataw l-opportunita` li jressqu provi oħra li setgħu kellhom.

13. Pero` hu evidenti li bid-dikjarazzjoni li għamlet l-ewwel Qorti li l-applikazzjoni tal-Art. 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta

jilledu d-dritt fundamentali tal-konvenuti protett bl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ma kien hemm xejn iktar x'isir għaliex it-talbiet tar-rikors ġuramentat ma setgħu qatt jintlaqgħu. Hu ovvju li b'dik id-deċiżjoni, it-talbiet tal-atturi ma setgħu qatt jirnexxu għaliex ibbażati fuq il-jedd li jagħti l-Art. 12(4) tal-Kap. 158.

14. Il-meritu ma setax ikun ikkunsidrat minħabba li d-dispożizzjoni tal-liġi li fuqha l-atturi bbażaw il-kawża, ġiet iddikjarata li tilledi l-jedd fundamentali tal-konvenuti għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta`. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma taqbilx mal-atturi li b'dik id-deċiżjoni l-ewwel Qorti *"..... marret lil hinn minn dak li kellha tiddeċiedi"*. Minħabba dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, it-talbiet ma setgħu qatt jintlaqgħu.

15. Ilment ieħor tal-atturi hu li l-ewwel Qorti lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju. Isostnu li konklużjoni bħal dik, *".... tippresupponi li l-konvenuti ma kinux il-leġittimi kontradittturi għall-azzjoni tal-atturi – hi deċiżjoni għalhekk kontradittorja għax hu inkonċepibbli li jingħad li l-konvenuti ma humiex il-leġittimi kontraditturi għall-azzjoni attriċi meta fl-istess nifs, il-Qorti sabet li kien ser ikun hemm leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tagħhom bl-akkoljiment tat-talbiet tal-atturi"*. Bid-deċiżjoni li tat l-ewwel Qorti ma jfissirx li ddikjarat li l-konvenuti ma kinux il-leġittimi kontraditturi. L-ewwel Qorti qatt ma qalet hekk, għalkemm setgħet ukoll tiċħad it-talbiet tal-atturi.

16. L-ewwel Qorti lliberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju mhux għaliex il-konvenuti Calleja u Buttigieg m'humiex leġittimi kontradittturi, iżda għaliex għaliha ma kienx hemm skop li tikkonsidra t-talbiet fil-meritu ġialadarba l-ewwel Qorti ddikjarat l-Art. 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 jilledu l-jedd fundamentali tal-konvenut protett bl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u għalhekk huma bla effett. Dan għalkemm l-ewwel Qorti kienet tkun iktar korretta li kieku ċaħdet it-talbiet tal-atturi flok biss ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju ladarba d-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom huma msejsin it-talbiet ma jistgħux jiġu applikati.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. Peress li tqis li l-appell hu fieragħ tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm